



Rapport tal-EASO dwar l-Ażil 2021

Rapport Annwali
dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil
fl-Unjoni Ewropea

SOMMARJU EŻEKUTTIV





Immaġni fuq il-qoxra: Steve Evans

© Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil, 2021

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu ta' riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' materjal ieħor li ma jkunx taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EASO, irid jintalab permess direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur.



Rapport tal-EASO dwar l-Ażil 2021

Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil fl-Unjoni Ewropea

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Daħla

Din is-sena timmarka l-10 edizzjoni tal-pubblikazzjoni ewlenija tal-aġenzija, ir-*Rapport tal-EASO dwar l-Ażil*. Ir-rapport ġie mtejjeb b' mod kontinwu matul is-snin biex jiġbor u jirrapporta dwar l-aħħar xejriet u diskussjonijiet ta' politika ffukati fuq il-bini ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) armonizzata. Aħna kburin li r-*Rapport tal-EASO dwar l-Ażil* evolva bħala s-sors ewlieni ta' informazzjoni dwar l-ażil fl-Ewropa u jirrifletti t-tkabbir tal-aġenzija bħala ċentru ta' għarfien espert dwar l-ażil sa mit-twaqqif tagħha fid-19 ta' Ġunju 2010.

Tabilħaqq, ir-rwol dejjem jikber tal-EASO huwa enfazzat fil-[Patt il-ġdid tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil](#), li ġie ppubblikat f' Settembru 2020. Il-Patt joffri bidu ġdid għad-diskussjoni dwar ġestjoni effettiva u umana tal-migrazzjoni u l-ażil fl-Ewropa. L-EASO jinsab lest li jwettaq mandat imsaħħaħ bħala l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA) u li jservi bħala parti integrali mill-qafas Ewropew għall-ġestjoni ta' realtà migratorja kumplessa, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali.

Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt sinifikanti fuq kull aspett tal-ħajja madwar id-dinja. Bil-għan li jittaffa t-tixrid tal-virus u li n-nies jinżammu sikuri — kemm dawk li qed ifittxu rifuġju fl-Ewropa kif ukoll il-persunal li jaħdem direttament ma' dawk li jfittxu l-ażil — ġew implimentati miżuri ta' emerġenza u bidliet aktar fit-tul fil-proċeduri fil-pajjiżi kollha tal-UE+. Din is-sena kienet l-ewwel darba mindu twaqqfet is-SEKA li l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali tal-ażil u tal-akkoljenza, u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali kellhom quddiemhom sfida doppja: li jirrispettaw id-dritt bażiku tal-bniedem li jgħix fis-sikurezza u li jimmaniġġaw il-kriżi globali tas-saħħa li tista' tesponi kemm lill-migranti kif ukoll lill-pajjiżi riċeventi għal aktar riskju.




Filwaqt li l-amministrazzjonijiet nazzjonali ġew imbuttati sal-limiti tagħhom, l-attivitajiet tal-EASO kienu direttament immirati lejn l-appoġġ lill-Istati Membri biex jiżguraw kontinwità tas-servizzi u biex jipprovdu assistenza ta' emerġenza. Matul l-2020, l-aġenzija żviluppat għodod biex ittejjeb u tallinja l-proċeduri, ippubblikat rapporti analitiċi u ħarrġet lill-professionisti fil-qasam tal-ażil. Inizjattiva ddedikata għall-ġbir ta' informazzjoni pprovdiet informazzjoni aġġornata, komprensiva u affidabbli dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq il-proċedura tal-ażil. Ir-risultati wrewir-reżiljenza tas-sistemi nazzjonali tal-ażil u tal-akkoljenza tal-UE, li malajr adattaw il-modalitajiet u qalbu lejn soluzzjonijiet diġitali biex jipprovdu rifuġju lil dawk fil-bżonn. Dawn l-innovazzjonijiet jistgħu jkunu t-tweġiba biex tiżdied l-effiċjenza u jiġu indirizzati sfidi simili fil-futur filwaqt li tinżamm sistema Ewropea sostenibbli.

Nina Gregori
Direttur Eżekuttiv
Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil

Introduzzjoni

Bħala s-sors ewlieni ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa, is-sensjela *Rapport tal-EASO dwar l-Ażil* tipprovdi ħarsa ġenerali u komprensiva tal-iżviluppi ewlenin fl-ażil fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera (pajjiżi tal-UE+). Ir-rapport jibda b'ħarsa ġenerali qasira lejn l-ispostament furzat mil-lat globali, imbagħad jiffoka fuq il-kuntest tal-Ewropa u jiġbor fil-qosor il-bidliet pass pass fl-aspetti kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA). Ir-rapport jippreżenta ġurisprudenza magħżula li ffurmat l-interpretazzjoni tal-liġijiet Ewropej u nazzjonali, kif ukoll indikaturi statistiċi ewlenin għas-sena ta' referenza tal-2020 li jenfasizzaw xejriet emerġenti u l-effettività tas-sistemi tal-ażil.



Ħarsa ġenerali globali lejn l-ażil fl-2020



Miljuni ta' nies madwar id-dinja huma affettwati minn spostament furzat minħabba l-kunflitt, il-persekuzzjoni, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-diżastri naturali u l-ekosistemi li qed jiddegradaw.

L-istatistika uffiċjali tagħżel bejn żewġ gruppi ta' persuni spostati b'mod furzat:

a) refuġjati u persuni li jfittxu l-ażil li qasmu l-fruntieri internazzjonali; u b) persuni spostati internament (IDPs) li huma spostati f'pajjiżhom stess. Ir-refuġjati huma persuni li ħarbu minn pajjiżhom minħabba biża' ġustifikata li jiġu ppersegwitati għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, sħubija fi grupp soċjali partikolari jew opinjoni politika u qasmu fruntiera internazzjonali biex ifittxu s-sikurezza. L-IDPs ma qasmu l-fruntiera ta' pajjiżhom iżda xorta jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni vulnerabbli.

Fil-kuntest tal-Ewropa, il-protezzjoni internazzjonali tinkludi l-istatus ta' refuġjat u l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja. Dan tal-aħħar jirreferi għal persuni li ma jikkwalifikawx għall-istatus ta' refuġjat iżda huma eliġibbli għall-protezzjoni minħabba li huma f'riskju ta' periklu serju, bħall-piena tal-mewt jew l-eżekuzzjoni; it-tortura jew trattament jew kastig inuman jew degradanti fil-pajjiż ta' oriġini; jew theddida serja u individwali għall-ħajjithom minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern.

F'Ġunju tal-2020, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) irrapporta popolazzjoni totali ta' tħassib ta' madwar 80 miljun persuna, inklużi 26.4 miljun refuġjat, 4.2 miljun persuna li kienu qed ifittxu l-ażil, 45.7 miljun IDP u 3.6 miljun persuna Venezwelana spostati barra mill-pajjiż.

Żewġ terzi tal-popolazzjoni globali tar-refuġjati ġejjin minn ħames pajjiżi ta' oriġini: Is-Sirja, il-Venezwela, l-Afganistan, is-Sudan t'Isfel u l-Myanmar (f'ordni dixxendenti). Il-maġġoranza l-kbira tal-popolazzjonijiet spostati huma ospitati f'pajjiżi u komunitajiet fil-viċinat taċ-ċentru ta' kriżi, li ta' spiss ikunu pajjiżi li qed jiżviluppaw. Fl-2020, it-Turkija baqgħat l-akbar pajjiżi ospitanti, segwita mill-Kolombja, il-Pakistan, l-Uganda u l-Ġermanja.

Il-pandemija tal-COVID-19 li laqtitna fl-2020 kellha impatt profond u kumpless, kemm fil-ħolqien jew fl-amplifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni madwar id-dinja kif ukoll fit-tfixkil tal-aċċess għas-sikurezza. F'dan il-kuntest ta' sfida, il-partijiet ikkonċernati li huma involuti fl-għoti tal-protezzjoni adattaw xogħolhom kif xieraq biex jiżguraw xi kontinwità fis-servizzi, inklużi modalitajiet ġodda għar-reġistrazzjoni u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u żieda fl-użu tat-teknoloġija u s-soluzzjonijiet diġitali.

Minkejja l-isfidi ppreżentati mill-pandemija, il-komunità internazzjonali ħadmet permezz ta' kollaborazzjonijiet multilaterali u l-progress miksub fl-2020 taħt il-Patt Globali dwar ir-Refuġjati inkluda:

- ➔ It-tiżni tal-kapaċità ta' protezzjoni madwar id-dinja;
- ➔ Żieda fl-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal spostati;
- ➔ Il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet dejjiema;
- ➔ L-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa f'ambjenti umanitarji;
- ➔ It-trawwim tal-iżvilupp uman u t-tkabbir ekonomiku bħala soluzzjonijiet strutturali f'ambjenti fraġli;
- ➔ Żieda fl-aċċess ekwu għas-servizzi tas-saħħa, l-ilma nadif u s-sanità; u
- ➔ Il-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' impjeg għall-persuni affettwati mill-ispostament.

L-UE taqdi rwol ewlieni fl-għoti ta' soluzzjonijiet ta' protezzjoni madwar id-dinja, u l-parti l-kbira tal-baġit umanitarju tagħha huwa allokat għal proġetti li jgħinu lill-persuni spostati b' mod furzat u lill-komunitajiet li jospitawhom.

Hekk kif il-komunità internazzjonali tkompli bl-isforzi tagħha biex tindirizza aspetti kumplessi tal-ispostament mil-lat globali, l-enfasi tal-iżvilupp tista' tinbidel minn sena għal sena sabiex timmira lejn oqsma fejn jista' jsir progress biex jittaffew is-sitwazzjonijiet ta' spostament jew fejn jistgħu jiġu żviluppati modalitajiet ġodda biex jipprovdu protezzjoni. Fl-2020, żewġ oqsma kienu fuq quddiem nett tad-diskors dwar il-protezzjoni internazzjonali, kull waħda għal raġunijiet differenti. Ir-**risistemazzjoni** kienet fost l-oqsma li kienu affettwati bil-kbir mill-pandemija minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar. Bir-riskji assoċjati mal-moviment matul l-emerġenza tas-saħħa globali, il-ħtieġa għar-**risistemazzjoni** fl-għoti ta' mezz legali sikur saħansitra nħasset aktar. Fl-istess waqt, il-pandemija pprovdiet l-opportunità lill-pajjiżi biex jagħmlu aktar progress fil-qasam tad-**diġitalizzazzjoni** biex tiżdied l-effiċjenza fil-proċeduri tal-ażil.



Xejriet globali fi ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali, 2020

5 pajjiżi jirrapreżentaw 2/3 tal-popolazzjoni tar-rifuġjati fid-dinja

6.6M
Is-Sirja

3.6M
Il-Venezwela

2.7M
L-Afganistan

2.3M
Is-Sudan t'Isfel

1.0M
Il-Myanmar

Ir-refuġjati Venezwelani kienu l-akbar grupp ta' applikanti għall-ażil ġodda fl-2020

It-Turkija tospita l-akbar għadd ta' refuġjati, segwita mill-Kolombja, il-Pakistan, l-Uganda u l-Ġermanja.

85 % tal-popolazzjoni globali tar-rifuġjati hija ospitata f'pajjiżi li qed jiżviluppaw



Il-pandemija tal-**COVID-19** kellha impatt kumpless fil-ħolqien jew fl-amplifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni madwar id-dinja u impedixxiet l-aċċess għas-sikurezza

Sorsi: EASO u data mill-UNCHR



Il-programmi ta' **risistemazzjoni** kważi waqfu minħabba restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar matul il-pandemija tal-**COVID-19**



Il-pandemija pprovdiet l-opportunità lill-pajjiżi biex jagħmlu aktar avvanzi fid-**diġitalizzazzjoni** biex tiżdied l-effiċjenza fil-proċedura tal-ażil



2. Żviluppi kbar fl-ażil fl-Unjoni Ewropea fl-2020



Filwaqt li tibni fuq il-progress li sar fin-negozjati dwar iż-żewġ pakketti ta' proposti ta' riforma mill-2016 'l hawn, f'Settembru 2020 il-Kummissjoni Ewropea ressqet [Patt ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil](#). Hija tipproponi bidu ġdid biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni, permezz ta' proċeduri mtejbja, aktar rapidi u aktar effettivi u biex jinstab bilanċ bejn il-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u s-solidarjetà. Il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil għandu l-għan li jstabbilixxi l-qafas għal:


- Ġestjoni soda u ġusta tal-fruntieri esterni, inklużi kontrolli tal-identità, tas-saħħa u tas-sigurtà;
- Sistemi tal-ażil ġusti u effiċjenti fil-pajjiżi kollha tal-UE+, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u r-ritorn tal-applikanti rrifjutati;
- Mekkaniżmu ġdid ta' solidarjetà għall-iżbarki wara tiftix u salvataġġ, il-pajjiżi taħt pressjoni akbar u s-sitwazzjonijiet ta' kriżi;
- Previżjoni soda, tnejn u rispons għall-kriżijiet;
- Politika ta' ritorn effettiva u approċċ ikkoordinat mill-UE għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn il-pajjiż ta' oriġini;
- Governanza komprensiva fil-livell tal-UE biex jiġu ġestiti u implimentati aħjar il-politiki dwar l-ażil u l-migrazzjoni;
- Sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku mal-pajjiżi terzi ewlenin tal-oriġini u tat-tranżitu;
- Mogħdijiet legali sostenibbli għal dawk li jeħtieġu protezzjoni u biex jattiraw talent lejn l-UE; u
- Politiki effettivi ta' integrazzjoni.

Biex jinkisbu dawn l-għanijiet, il-Kummissjoni Ewropea żammet il-proposti tagħha u appoġġat il-ftehimiet proviżorji li diġà ntlew fuq dwar ir-Regolament dwar il-Kwalifika, id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza, ir-Regolament dwar il-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni, u l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil. Hija appellat ukoll għall-konklużjoni rapida tan-negozjati dwar ir-Riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn. Il-Kummissjoni Ewropea rtirat il-proposta tal-2016 għal Regolament emendat ta' Dublin u ssostitwietha bi proposta ġdida għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni. Flimkien mal-ħames proposti mill-2016 u l-2018 li nżammu, il-patt jinkludi pakkett ta' disa' strumenti addizzjonali:

- ➔ [Regolament ġdid dwar l-Iskrinjar](#)
- ➔ [Proposta emendata li tirrevedi r-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil](#)
- ➔ [Proposta emendata li tirrevedi r-Regolament Eurodac](#)
- ➔ [Regolament ġdid dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni](#)
- ➔ [Regolament ġdid dwar il-Kriżi u l-Force Majeure](#)
- ➔ [Blueprint ġdid dwar it-Tnejn għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet](#)
- ➔ [Rakkomandazzjoni ġdida dwar ir-Risistemazzjoni u l-Mezzi Komplementari](#)
- ➔ [Rakkomandazzjoni ġdida dwar Operazzjonijiet ta' Tiftix u Salvataġġ minn Bastimenti Privati](#)
- ➔ [Gwida ġdida dwar id-Direttiva tal-Faċilitaturi](#).

Il-preżentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u l-proposti għall-istrumenti legali assoċjati stimulaw diskussjonijiet imġedda dwar ġestjoni effettiva u umana tal-migrazzjoni fl-Ewropa. L-approċċ olistiku tal-Kummissjoni Ewropea fil-koordinazzjoni ta' proċess ta' konsultazzjoni inklużiv u l-isforz biex jiġu integrati bir-reqqa r-rabtiet bejn oqsma differenti ta' politika dwar il-migrazzjoni u l-ażil f'approċċ koerenti wieħed intlaqgħu b'mod pożittiv, kif ukoll l-isforz ġenwin biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet diversi ta' Stati Membri differenti tal-UE u biex jingħelbu l-kontroversji tal-passat. Filwaqt li fehmiet diverġenti dwar ċerti aspetti tal-politika proposta dwar il-migrazzjoni u l-ażil jidhru li jippersistu fost l-Istati Membri, il-proposti stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea jipprovdu l-pedament għal aktar djalogu kostruttiv fil-livell tekniku u politiku matul il-proċess leġislattiv. Fost ir-reazzjonijiet pożittivi, kien hemm ukoll ilħna — kemm minn atturi statali kif ukoll dawk mhux statali — li għiddu l-attenzjoni għal oqsma fejn jista' jinkiseb aktar.

Naturalment, il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt profond kemm fuq il-flussi migratorji kif ukoll fuq il-funzjonament tas-sistemi tal-ażil fl-Ewropa. Filwaqt li tirrikonoxxi bis-sħiħ id-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-Istati Membri meta jimplimentaw ir-regoli rilevanti tal-UE matul il-pandemija, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet **komunikazzjoni** biex tipprovdi gwida dwar l-iżgurar tal-kontinwità tal-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn u r-risistemazzjoni. Il-pajjiżi tal-UE+ introduċew għadd ta' miżuri fil-passi differenti tal-proċedura tal-ażil, kif ukoll fil-faċilitajiet ta' akkoljenza, biex jissalvagwardjaw il-benessri fiżiku tal-individwi. Il-miżuri restrittivi, iġġustifikati abbażi tas-saħħa pubblika, setgħu kellhom impatt, għalkemm temporanju, fuq ir-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, filwaqt li l-partijiet ikkonċernati enfasizzaw li l-miżuri għandhom ikunu temporanji, proporzjonati u applikati biss meta jkun meħtieġ.



Fi sforz biex ikompli jipprovdu servizzi filwaqt li jikkonformaw mal-miżuri l-ġodda, il-pajjiżi tal-UE+ iddigitalizzaw ħafna passi tal-proċedura tal-ażil billi żviluppaw u implimentaw sistemi elettroniċi ġodda. Ħafna minn dawn is-soluzzjonijiet jistgħu jibqgħu fuq bażi aktar permanenti biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistemi tal-ażil, filwaqt li oħrajn jistgħu jintużaw bħala mudelli metodoloġiċi f'każ li l-pajjiżi tal-UE+ jintalbu jindirizzaw sfidi simili fil-futur.

Minkejja t-tnaqqis ġenerali fl-għadd ta' wasliet fil-fruntieri esterni tal-UE fl-2020, feġġew xejriet differenti fir-rotot tal-migrazzjoni lejn l-Ewropa. Ir-rotot tal-Mediterran tal-Punent u tal-Lvant kellhom anqas wasliet meta mqabbla mal-2018, filwaqt li r-rotot tal-Afrika tal-Punent, tal-Mediterran tan-Nofs u tal-Balkani tal-Punent esperjenzaw żieda fil-wasliet. Il-fruntieri Griegi u l-gżejjer baqgħu taħt pressjoni sinifikanti, u l-Kummissjoni Ewropea ħadmet mal-awtoritajiet Griegi u ma' Stati Membri oħra tal-UE biex tipprovdi appoġġ kritiku biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni, inkluż eżerċizzju ta' rilokazzjoni volontarja mill-Greċja lejn Stati Membri oħra għal tfal mhux akkumpanjati u tfal b'vulnerabbiltajiet fil-familji.

Ir-rilokazzjonijiet komplew ukoll wara missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fil-Baħar Mediterran. L-iżbark u r-rilokazzjonijiet ġew ikkoordinati mill-Kummissjoni Ewropea u saru — bil-parteċipazzjoni tal-aġenzji rilevanti tal-UE, inkluż l-EASO — f'konformità mal-proċeduri operattivi standard żviluppati fl-2019. Dawn l-isforzi wrew solidarjetà Ewropea konkreta fil-prattika, iżda enfasizzaw ukoll il-ħtieġa għal mekkaniżmu ta' solidarjetà aktar prevedibbli għall-iżbark u r-rilokazzjoni, kif previst fir-Regolament il-ġdid propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni.


It-tmiem tal-2020 indika wkoll it-tmiem tal-perjodu tranżitorju li matulu d-dritt tal-UE kien għadu japplika għar-Renju Unit u fi ħdanu, wara l-ħruġ tiegħu mill-UE. Mill-1 ta' Jannar 2021, id-dritt tal-UE rilevanti għall-ażil m'għadux japplika awtomatikament, sakemm ma jinżammx fis-sistema legali domestika. Punt importanti huwa li r-Regolament Dublin III tħassar fir-Renju Unit u d-dispożizzjonijiet tiegħu m'għadhomx japplikaw.

Matul l-2020, l-UE kompliet il-kooperazzjoni tagħha mas-sħab esterni biex tiġġestixxi l-pressjonijiet migratorji permezz ta' approċċ komprensiv li għandu l-oriġini tiegħu fil-multilateraliżmu. L-għanijiet tal-attivitajiet implimentati taħt id-dimensjoni esterna tal-politika tal-migrazzjoni tal-UE jinkludu l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; il-ġlieda kontra n-networks tal-kuntrabandu; it-tiħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar ir-ritorn u r-riammissjoni; il-ħidma mal-pajjiżi sħab lejn il-ġestjoni tal-fruntieri; u l-għoti tal-appoġġ għall-protezzjoni barra mill-pajjiż.

Fir-rwol tagħha biex tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni armonizzati tad-dritt tal-UE, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) tat diversi sentenzi li l-aktar huma relatati mad-deċiżjonijiet preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet tas-SEKA. Il-ġurisprudenza kopriet suġġetti relatati ma' aċċess effettiv, il-proċedura tal-ażil, il-provvediment ta' intervisti personali f'każijiet inammissibbli, il-forom ta' protezzjoni, id-detenzjoni, il-proċeduri tat-tieni istanza, in-nondiskriminazzjoni ta' ċittadini u benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li sussegwentement kisbu ċ-ċittadinanza, ir-riunifikazzjoni tal-familja u ż-żamma tal-unità tal-familja, ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ir-rilokazzjonijiet, il-protezzjoni pprovdata lill-Palestinjani apolidi mill-UNRWA u r-rifjut li jitwettaq servizz militari. Barra minn hekk, il-QĠUE tat sentenza dwar ir-restrizzjonijiet nazzjonali fuq il-finanzjament tal-NGOs, li jaffettwaw l-NGOs li jaħdmu fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali.



L-evoluzzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA)



3. L-appoġġ tal-EASO lill-pajjiżi



Is-sena 2020 timmarka l-10 anniversarju mit-twaqqif tal-EASO. Abbażi tar-regolament fundatur tiegħu, l-EASO jiffoka fuq it-titjib tal-implimentazzjoni tas-SEKA, it-tiżiħ tal-kooperazzjoni prattika dwar l-ażil fost l-Istati Membri, u l-għoti ta' appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri li jesperjenzaw pressjoni partikolari fuq is-sistemi tal-ażil u l-akkoljenza tagħhom.

Fl-isfond tal-pandemija tal-COVID-19, l-attivitajiet tal-EASO fl-2020 kellhom l-għan dirett li jgħinu lill-Istati Membri jiżguraw il-kontinwità tan-negozju, ikomplu jwettqu l-attivitajiet ta' taħriġ mingħajr intoppi u jiffaċilitaw il-laqgħat online fost l-Istati Membri. L-EASO nieda inizjattiva ddedikata għall-għbir tal-informazzjoni biex jipprovdni lill-partijiet ikkonċernati ewlenin b'informazzjoni aġġornata, komprensiva u affidabbli dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq is-sistemi nazzjonali tal-ażil u tal-akkoljenza u l-pjan tad-distribuzzjoni tat-tilqim ta' dawk li jfittxu l-ażil u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali. Biex jiżgura standards għoljin fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil matul il-pandemija, l-EASO ħareġ rakkomandazzjonijiet prattiċi dwar it-twettiq ta' intervisti personali mill-bogħod u dwar it-twettiq ta' reġistrazzjonijiet mill-bogħod/online.

Fil-ħidma operattiva tal-EASO, il-miżuri tas-saħħa wasslu biex l-enfasi taqleb lejn flussi tax-xogħol mill-back office, bħall-ħidma fuq files pendenti; id-dmirijiet amministrattivi fir-reġistrazzjoni; l-għoti ta' appoġġ għall-appelli; l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità; it-titjib fil-politika u l-proċeduri; u l-appoġġ mill-bogħod għall-għoti ta' informazzjoni u l-akkoljenza permezz ta' linji ta' għajjnuna. L-EASO baqa' wkoll attiv fuq il-post u għen fir-rilokazzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati mill-Greċja lejn Stati Membri oħra. Ġie miftiehem ukoll appoġġ lil Spanja lejn l-aħħar tal-2020 biex tittaffa l-pressjoni fuq is-sistema tal-akkoljenza tagħha u jiġi żviluppat mudell ġdid tal-akkoljenza.



Vidjo: L-istadji importanti u l-kisbiet tal-EASO



Sors: EASO

4. Il-Funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil


L-iżviluppi ewlenin fil-livell nazzjonali fl-2020 sawru l-leġislazzjoni, il-politiki u l-prattiki fil-qasam tal-ażil fil-pajjiżi tal-UE+. Żewġ temi orizzontali f'kull pass tal-proċedura tal-ażil kienu l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-ażil.



Id-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-ażil

Il-pandemija tal-COVID-19 tat spinta għall-pajjiżi biex jaqilbu lejn għodod diġitali u biex jadattaw il-prattiki fiċ-ċentri ta' akkoljenza

Minkejja l-benefiċċji, id-diġitalizzazzjoni tista' tinvolvi riskji potenzjali, pereżempju bil-protezzjoni tad-data, il-litteriżmu diġitali u l-konnettività



Sors: EASO





II-COVID-19

Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar matul il-pandemija tal-COVID-19 affettwaw b' mod sinifikanti l-possibbiltajiet li dawk li jfittxu ażil jaslu fit-territorju tal-UE. L-awtoritajiet nazzjonali kienu mġiegħla jaġġustaw malajr għaċ-ċirkostanzi l-ġodda billi jissuspendu jew jillimitaw ir-reġistrazzjonijiet għal perjodu qasir matul l-ewwel mewġa tal-pandemija. Matul dan iż-żmien, il-pajjiżi tal-UE+ organizzaw mill-ġdid il-proċessi u l-ambjent tax-xogħol.

Inqas persuni li jfittxu ażil ġew mgħoddija fil-proċedura ta' Dublin, filwaqt li l-proċess għat-trasferimenti kellu jiġi aġġustat biex jikkonforma mar-rekwiżiti stretti tas-saħħa. Il-ġurisprudenza fl-2020 issuġġeriet li l-pressjoni fuq is-sistemi tas-saħħa saret fattur addizzjonali li għandu jitqies meta jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għal applikazzjoni għall-ażil.

It-tbeġħid fiżiku, l-għeluq tal-faċilitajiet, ix-xogħol mill-bogħod u l-protokollu tas-saħħa kellhom impatt fuq il-passi kollha involuti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet kemm fil-prim'istanza kif ukoll fit-tieni istanza, inklużi l-intervisti personali, il-provvediment tal-interpretazzjoni, in-notifika tad-deċiżjonijiet, il-ġestjoni tal-ammont ta' każijiet, it-taħriġ u l-valutazzjonijiet tal-kwalità. Meta kien possibbli, dawn il-kompiti twettqu mill-bogħod bl-għajnuna ta' teknoloġiji diġitali, bħall-vidjokonferenza. L-arranġamenti ta' ħidma interni fl-amministrazzjonijiet tal-ewwel u tat-tieni istanza ġew aġġustati biex jimminimizzaw it-tfixkil tas-servizzi, filwaqt li jikkonformaw mal-miżuri tas-saħħa pubblika. Konsegwentement, it-termini proċedurali ġew estenzi kif xieraq.

Il-format għall-għoti tal-informazzjoni nbidel f' sessjonijiet ta' gruppi żgħar, bit-telefon jew permezz ta' sessjonijiet online jew tutorials bil-vidjo, filwaqt li sforzi addizzjonali ffukaw b' mod speċjali fuq il-protezzjoni, il-miżuri tal-iġjene, il-protokollu li għandhom jiġu segwiti, l-appoġġ mediku u l-istruzzjonijiet biex jiġi evitat il-kontaġġu. L-assistenza u r-rappreżentanza legali ġew ipprovduti mill-bogħod jew b'interazzjonijiet limitati wiċċ imb' wiċċ. Bħala riżultat dirett ta' miżuri restrittivi relatati mal-COVID-19, ġiet irrapportata limitazzjoni fl-aċċess għall-assistenza legali fil-fruntieri u fil-faċilitajiet ta' akkoljenza u detenzjoni f' diversi pajjiżi. Fid-dawl tal-kapaċità limitata li jitwettqu missjonijiet ta' ġbir tal-informazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, il-pajjiżi tal-UE+ iffukaw fuq metodi oħra biex jiġbru informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini (COI) u jżommu kuntatt mas-sorsi tagħhom.

Fil-qasam tal-akkoljenza, il-pajjiżi tal-UE+ adattaw kemm l-organizzazzjoni kif ukoll l-infrastruttura tal-akkoljenza għaċ-ċirkostanzi tal-pandemija tal-COVID-19, u introduċew miżuri bħal perjodu inizjali ta' kwarantana wara l-wasla, tbeġħid fiżiku fi ħdan il-faċilitajiet ta' akkoljenza u mobbiltà limitata bejniethom, restrizzjonijiet taż-żjarat, u miżuri addizzjonali ta' iġjene u tagħmir protettiv. Ir-rekwiżiti għal spazju addizzjonali jpoġġu aktar pressjoni fuq l-awtoritajiet ta' akkoljenza, il-persunal ta' ġestjoni u l-persunal ta' akkoljenza, filwaqt li s-servizzi ta' appoġġ spiss tnaqqsu biex jinżamm it-tbeġħid fiżiku jew jitpoġġew online. Dan kellu impatt partikolarment negattiv fuq l-applikanti bi ħtiġijiet speċjali, li kultant kienu nieqsa mill-firxa sħiħa ta' servizzi ta' appoġġ meħtieġa. Fil-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE+, iċ-ċentri ta' detenzjoni saru inqas okkupati minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19 peress li t-tneħħija ta' applikanti rrifjutati ġiet sospiża u ċittadini ta' pajjiżi terzi ġew rilaxxati.

Wieħed mill-oqsma affettwati bil-kbir mill-pandemija kien il-kontenut tal-protezzjoni u l-integrazzjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni. Id-dewmien fl-estensjoni tal-permessi ta' residenza minħabba servizzi mfixkla spiss wassal għal inċertezza legali u impedixxa l-aċċess għal drittijiet oħra, bħall-akkomodazzjoni, l-impjiegi u l-kura tas-saħħa. Il-proċeduri tar-riunifikazzjoni tal-familja twaqqfu jew iddewmu b' mod sever, u l-opportunitajiet ta' impjieg naqsu. Appoġġ adegwat permezz ta' tagħlim online għat-tfal ħafna drabi kienet sfida minħabba nuqqas ta' kompjuters, konnessjoni mal-Internet jew sitwazzjoni prekarja ta' akkomodazzjoni, li ma kienx fihom post silenzjuż separat għall-istudju. Il-

programmi ta' appoġġ u l-pjanijiet ta' integrazzjoni individwali għall-benefiċjarji ġew estiżi jew adattati għaċ-ċirkostanzi l-ġodda. Madankollu, l-impatti tal-pandemija jista' jkollhom effetti fit-tul fuq l-integrazzjoni, mis-saħħa għall-akkomodazzjoni u l-opportunitajiet ta' impjeg.

Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar naturalment affettwaw l-implimentazzjoni tar-ritorni. L-għadd ta' ritorni furzati naqas b' mod sinifikanti, filwaqt li r-ritorni volontarji komplew skont il-protokollu u l-prekawzjonijiet tas-saħħa meħtieġa. Ħafna pajjiżi ssuspendew mhux biss il-proċeduri ta' ritorn iżda wkoll il-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' ritorn, u b'hekk estendew il-perjodu ta' tluq volontarju.

B' mod ġenerali, il-pajjiżi tal-UE+ għamlu sforzi notevoli biex jiżguraw kontinwità tas-servizzi, u dan juri r-reżiljenza u l-flessibbiltà tas-sistemi nazzjonali tal-ażil u tall-akkoljenza fil-konfront ta' dakli ma kienx mistenni. B' mod parallel, l-awtoritajiet ġudizzjarji rrieżaminaw il-miżuri l-ġodda biex jiżguraw li żammew mal-istandards u l-garanziji legali.



Id-diġitalizzazzjoni

Il-pandemija tal-COVID-19 ipprovdiet tat spinta biex jitkompla jew jitħaffef l-użu tat-teknoloġiji diġitali fil-qasam tal-ażil. Fl-2020, il-pajjiżi tal-UE+ żviluppaw u implimentaw sistemi elettroniċi ġodda matul l-istadji tal-proċedura tal-ażil. Intużaw soluzzjonijiet diġitali għar-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet online; il-verifika tal-identità ta' applikant; is-sottomissjoni ta' dokumenti; l-intervistar mill-bogħod; l-għoti tal-informazzjoni, l-assistenza legali u s-servizzi tal-interpretazzjoni; l-analiżi lingwistika; in-notifika ta' deċiżjonijiet u informazzjoni dwar l-istatus ta' każ; il-preżentazzjoni ta' appelli u l-firem diġitali biex jinħarġu deċiżjonijiet; u l-għoti tal-appoġġ għall-integrazzjoni, inklużi t-tagħlim tal-lingwi, l-orjentazzjoni soċjali u l-ikkowċjar tal-impjegji. Għadd ta' pajjiżi saħħew ukoll is-sistemi elettroniċi tagħhom għall-ġestjoni tal-akkoljenza u l-infrastruttura tal-IT u investew f'aktar tagħmir tal-IT fil-faċilitajiet ta' akkoljenza.

Fil-qasam tar-ritorn, il-pajjiżi tal-UE+ qalbu lejn proċeduri ta' komunikazzjoni remota u konsulenza dwar ir-riintegrazzjoni, filwaqt li l-għodod online iffaċilitaw il-komunikazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-proċeduri ta' identifikazzjoni tal-persuni ripatrijati u l-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar. It-teknoloġiji diġitali kienu jintużaw ukoll fil-kuntest tar-risistemazzjoni, bħal intervisti remoti u orjentazzjoni virtwali qabel it-tluq, fi sforz biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi.

Filwaqt li hemm ħafna benefiċċji għad-diġitalizzazzjoni, inġibdet l-attenzjoni għar-riskji potenzjali wkoll, inklużi l-kunsens għall-użu tad-*data* personali; kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà għal ċerti profili ta' applikanti li jista' ma jkollhomx ħiliet ta' litteriżmu diġitali jew li jista' ma jkollhomx aċċess għat-tagħmir u l-konnettività; in-nuqqas ta' interazzjoni umana fil-provediment tas-servizzi (pereżempju biex jinqdew individwi bi ħtiġijiet speċjali); u żieda fil-fiduċja fost il-gruppi mmirati biex jitħeġġeġ l-użu sinifikanti. Hekk kif il-ħidma lejn id-diġitalizzazzjoni qed timxi 'l quddiem, dan it-tħassib għandu jitqies u jiġi indirizzat kif xieraq.



4.1 L-aċċess għat-territorju u l-proċedura tal-ażil



Ir-Riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil tiggwida lill-pajjiżi tal-UE biex jipprovdu aċċess effettiv għall-proċedura għal dawk fil-bżonn u biex jissalvagwardjaw id-dritt li japplikaw għall-protezzjoni. Madankollu, matul l-2020, ġew irrappurtati għadd ta' inċidenti fil-fruntieri esterni tal-UE relatati mal-

prevenzjoni jew id-dewmien tal-applikazzjoni tar-Riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil u, konsegwentement, il-provediment ta' aċċess effettiv għall-proċedura tal-ażil

L-iżviluppi leġiżlattivi u ta' politika ewlenin fl-aċċess għall-proċedura tal-ażil fl-2020 komplew fl-istess direzzjoni tas-snin preċedenti. Il-proċeduri komplew jiġu rfinati sabiex l-awtoritajiet jiksbu kemm jista' jkun informazzjoni fil-bidu tal-proċess tal-ażil b'mod effiċjenti u kkoordinati fost il-partijiet ikkonċernati differenti. L-għan globali kien li l-każijiet jgħaddu mis-sistema aħjar u li jitħaffef il-proċess ġenerali.


Fl-2020, tressqu madwar 485,000 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fil-pajjiżi tal-UE+, tnaqqis qawwi ta' 32 % meta mqabbla mal-għadd ta' applikazzjonijiet fl-2019. It-tnaqqis, li rriżulta fl-aktar għadd baxx ta' applikazzjonijiet annwali mill-2013, jista' jiġi attribwit għar-restrizzjonijiet tal-COVID-19 li ġew implimentati fil-pajjiżi tal-UE+ u f' pajjiżi terzi, li l-limitaw il-movimenti bejn il-fruntieri u fi hndan il-pajjiżi.

Tabilħaqq, l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil varja b'mod konsiderevoli matul is-sena. Dawn komplew jiżiedu fil-bidu tas-sena, fejn aktar applikazzjonijiet tressqu f'Jannar u Frar 2020 milli fl-istess xhur fl-2019 (żidiet ta' 15 % u 10 %, rispettivament). Madankollu, wara l-ewwel tifqigħa tal-COVID-19 f'Marzu 2020, l-applikazzjonijiet naqsu b'mod sinifikanti. Meta l-miżuri ta' konfinament tneħħew gradwalment fil-pajjiżi kollha, ir-ritmu tal-applikazzjonijiet reġa' beda jiżdied (*ara l-Figura 1*).

L-impatt tal-miżuri tal-COVID-19 fuq l-applikazzjonijiet għall-ażil ma kienx maqsum b'mod uniformi madwar il-pajjiżi tal-UE+. F' pajjiżi fejn il-proċedura tal-ażil ġiet fil-biċċa l-kbira sospiża matul l-ewwel mewġa tal-pandemija, kien hemm tnaqqis notevoli fl-ggħadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil, filwaqt li l-pajjiżi li żammew il-proċedura tal-ażil tagħhom miftuħa kellhom tnaqqis iżgħar.

B'mod ġenerali, kważi żewġ terzi (63 %) tal-applikazzjonijiet kollha għall-ażil fl-2020 tressqu fi tliet pajjiżi biss: Il-Ġermanja (122,000), Franza (93,000) u Spanja (89,000), segwita kemxejn 'il bogħod mill-Greċja (41,000) u l-Italja (27,000). Il-pajjiżi ta' orijini fil-quċċata ma nbidlux mill-2019 u kkonstew mis-Sirja (70,000), l-Afganistan (50,000), il-Venezwela (31,000), il-Kolombja (30,000) u l-Iraq (20,000) — il-koll ressu inqas applikazzjonijiet fl-2020. Flimkien, il-ħames nazzjonalitajiet fil-quċċata ammontaw għal aktar minn tnejn minn kull ħames applikazzjonijiet kollha fil-pajjiżi tal-UE+.

Figura 1: Applikazzjonijiet għall-ażil fl-akbar pajjiżi riċevuti, skont ix-xahar, 2019-2020



Sors: Eurostat [*migr_asyappctzm*] sa mill-28 ta' April 2021.



4.2 Il-proċedura ta' Dublin

Ir-Regolament ta' Dublin III għandu l-għan li jiddefinixxi metodu ċar u li jiffunzjona biex jiddetermina liema Stat Membru huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' kull applikazzjoni għall-ażil. L-objettiv tiegħu huwa li jggarantixxi li l-applikanti jkollhom aċċess effettiv għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u li l-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni ssir minn Stat Membru wieħed u maħtur b' mod ċar. Is-sistema ta' Dublin kienet waħda mill-aktar aspetti diskussi tas-CEAS, b' mod partikolari fir-rigward tal-ibbilanċjar tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà u s-solidarjetà fost l-Istati Membri.

Il-futur potenzjali tal-proċedura ta' Dublin ġie enfasizzat fl-2020 bil-preżentazzjoni tal-Patt il-ġdid tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-ażil u l-Proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni. Il-Patt għandu l-għan li jissostitwixxi s-sistema ta' Dublin b' qafas komuni li, flimkien ma' mekkaniżmi effettivi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għal applikazzjoni għall-ażil, se jinkludi mekkaniżmu komprensiv ġdid għal solidarjetà kontinwa abbażi ta' kriterji simplifikati.

Abbażi ta' *data* skambjata permezz tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tħejija (EPS) tal-EASO, fl-2020, inħarġu 95,000 deċiżjoni bi tweġiba għat-talbiet ta' Dublin maħruġa. Dan irrappreżenta tnaqqis ta' terz meta mqabbel mal-2019 u kien konformi mal-iskala tat-tnaqqis fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil imressqa fl-2020. Tabilħaqq, il-proporzjon bejn id-deċiżjonijiet ta' Dublin riċevuti u l-applikazzjonijiet għall-ażil imressqa kien ta' 20 %, li kien simili għall-2019.

Fil-livell tal-pajjiż, Franza u l-Ġermanja komplew jirċievu l-aktar deċiżjonijiet dwar it-talbiet tagħhom biex pajjiż ieħor jerfa' r-responsabbiltà, li flimkien huma responsabbli għal aktar minn tlieta minn kull ħamsa tat-total tal-UE+. Ir-rata ta' aċċettazzjoni ġenerali għad-deċiżjonijiet dwar it-talbiet ta' Dublin fl-2020, imkejla permezz tal-proporzjon ta' deċiżjonijiet li aċċettaw ir-responsabbiltà mid-deċiżjonijiet kollha maħruġa, kienet ta' 56 %, fejn jidher li kompliet tonqos għat-tielet sena konsekuttiva fil-livell tal-UE+ u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ta' Dublin. Madankollu, kien hemm differenzi kbar fir-rati ta' aċċettazzjoni fil-livell tal-pajjiż.

Fost żviluppi sinifikanti oħra fil-livell Ewropew, il-klawżola diskrezzjonali fir-Regolament Dublin III, l-Artikolu 17(2) kien il-bażi tal-iskema ta' rilokazzjoni għal 1,600 tifel u tifla mhux akkumpanjati u tfal b'kundizzjonijiet mediċi severi u vulnerabbiltajiet oħra mal-familji tagħhom mill-Greċja lejn Stati Membri oħra. Il-klawsola ntużat ukoll fit-tkomplija tar-rilokazzjonijiet wara l-iżbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fl-Italja u f' Malta.

L-Artikolu 17(1) tar-Regolament ta' Dublin, klawżola diskrezzjonali oħra, ġie invokat ftit aktar minn 4,700 darba fl-2020, u naqas drastikament bi kważi terz meta mqabbel mal-2019. Skont din il-klawżola, Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, anki jekk ma tkunx ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji tar-Regolament ta' Dublin III. Fl-2020, ir-raġunijiet għal dan kienu jinkludu l-għadd ta' każijiet tal-COVID-19 f' pajjiż partikolari.

Naturalment, il-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri ta' emerġenza implimentati mill-pajjiżi tal-UE+ għamlu t-trasferimenti ta' Dublin diffiċli. B' kollox saru madwar 13,600 trasferiment, li jirrappreżentaw nofs l-għadd ta' trasferimenti fl-2019. L-għadd naqas f' Marzu 2020 u mbagħad naqas għal livelli saħansitra aktar baxxi minn April sa Ġunju 2020. Sa minn Lulju 2020, l-implimentazzjoni tat-trasferimenti bdiet tizzied gradwalment, iżda l-għadd ta' trasferimenti ta' kull xahar ma reġax lura għal-livelli ta' qabel il-COVID-19 aktar tard fis-sena. Erba' pajjiżi — Franza, il-Ġermanja, il-Greċja u n-Netherlands — implimentaw aktar minn tliet kwarti tat-trasferimenti kollha.

Il-qrati nazzjonali rċevew ħafna appelli relatati mal-modalitajiet tat-trasferiment u l-limiti ta' żmien, u ħafna minnhom kienu relatati mal-kalkolu tal-limiti ta' żmien tat-trasferiment fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19.



4.3 Proċeduri speċjali

Waqt l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fil-prim'istanza, l-Istati Membri, taħt ċerti kundizzjonijiet, jistgħu jużaw proċeduri speċjali – bħal proċeduri aċċellerati, proċeduri fil-fruntieri jew proċeduri prijoritarji – filwaqt li jikkonformaw mal-prinċipji u mal-garanziji bażiċi stabbiliti fid-dritt tal-UE. Diversi tipi ta' proċeduri fil-fruntieri ġew introdotti jew estiżi fl-2020, li tipikament jiffokaw fuq l-ipproċessar rapidu. Xi drabi, tqajjem tħassib f'xi Stati Membri dwar il-kundizzjoni tal-akkomodazzjoni fil-fruntiera, l-użu tad-detenzjoni u l-protezzjoni tal-garanziji għall-applikanti bi ħtiġijiet speċjali.

Il-pajjiżi tal-UE+ iffukaw fuq ir-rieżami per iodiku tal-listi tagħhom ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, li rriżulta f'diversi bidliet għal dawn il-listi fl-2020. Il-listi jservu bħala informazzjoni ta' sfond dwar l-applikazzjonijiet għall-ażil li huma diretti lejn il-proċedura aċċellerata, u xejra osservata fil-pajjiżi kollha tal-UE+ fl-2020 kienet il-prijoritizzazzjoni ta' każijiet taħt il-proċedura aċċellerata matul l-ewwel stadju tal-pandemija tal-COVID-19.

Permezz ta' bidliet leġiżlattivi u fil-politika, ħafna pajjiżi tal-UE+ iddefinixxew ukoll kriterji għal applikazzjonijiet ripetuti jew sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali biex jiġi evitat l-użu ħażin tas-sistema tal-ażil billi jitressqu applikazzjonijiet ripetuti mingħajr ebda mertu. B' mod ġenerali, fl-2020 il-pajjiżi tal-UE+ irċevew madwar 56,000 applikazzjoni ripetuta, li jirrappreżentaw tnaqqis ta' 19 % f'numri assoluti meta mqabbla mal-2019 iżda żieda ta' 2 punti perċentwali fil-proporzjon ta' applikazzjonijiet ripetuti fi ħdan l-għadd totali ta' applikazzjonijiet.



4.4 L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fil-prim'istanza

L-isforzi fl-2020 iffukaw fuq ipproċessar rapidu u effiċjenti filwaqt li jiżguraw garanziji għall-applikanti fil-pajjiżi tal-UE+. It-tnaqqis fl-applikazzjonijiet għall-ażil fl-2020 ipprova opportunità biex jiġu rieżaminati l-prattiki attwali; jiġu introdotti metodi aktar effiċjenti, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni; jinħarġu linji gwida ġodda għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet; u jiġu indirizzati l-każijiet pendenti li akkumulaw.

Filmkien mat-tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' applikazzjonijiet imressqa, bidliet bħal dawn setgħu kkontribwew għall-għadd ta' deċiżjonijiet maħruġa f'pajjiżi tal-UE+, u kien hemm aktar minnhom milli applikazzjonijiet imressqa għall-ewwel darba mill-2017 'l hawn. B' mod ġenerali, l-awtoritajiet tal-ażil fil-pajjiżi tal-UE+ ħarġu madwar 534,500 deċiżjoni tal-prim'istanza fl-2020, u ħames pajjiżi biss jammontaw għal aktar minn erbgħa minn kull ħamsa tad-deċiżjonijiet kollha tal-prim'istanza: Il-Ġermanja (24 %), Spanja (23 %), Franza (16 %), il-Greċja (12 %) u l-Italja (8 %). Il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet tal-prim'istanza nħarġu lil ċittadini tas-Sirja, tal-Venezwela, tal-Afganistan u tal-Kolombja (f'ordni dixxendenti).

Barra minn hekk, madwar 47,200 applikazzjoni ġew irtirati, l-aktar għadd baxx mill-2013 u aktar minn kwart inqas mill-2019. It-tnaqqis kemm fl-għadd ta' applikazzjonijiet kif ukoll fl-għadd ta' applikazzjonijiet irtirati rriżulta fi proporzjon ta' rtirar ta' applikazzjoni waħda minn kull 10 mressqa fl-2020, simili għall-2019. Filwaqt li d-*data* tal-Eurostat ma tindikax it-tip ta' rtirar, id-*data* tal-EPS tissuġġerixxi li l-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet irtirati fl-2020 ġew irtirati b' mod impliċitu, bħal fis-

snin preċedenti. L-applikazzjonijiet irtirati, speċjalment dawk impliċiti, jistgħu jservu bħala indikatur rappreżentattiv ta' ħarbien u l-bidu ta' movimenti sekondarji lejn pajjiżi oħra tal-UE+. B'mod konsistenti ma' din l-interpretazzjoni, il-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet irtirati seħħew fl-Istati Membri l-aktar esposti, bħall-Greċja u l-Italja, li flimkien ammontaw għal aktar minn terz tal-applikazzjonijiet irtirati kollha.



4.5 L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fit-tieni istanza jew f'istanza oġġla

Filwaqt li l-volum ta' deċiżjonijiet dwar aplikazzjonijiet fil-prim'istanza baqa' relattivament stabbli fl-2020, l-għadd ta' deċiżjonijiet maħruġa fit-tieni istanza jew f'istanza oġġla naqas bi kważi wieħed minn kull ħamsa: minn madwar 300,000 fl-2018 u l-2019 għal madwar 237,000 fl-2020. Simili għas-snin preċedenti, tliet pajjiżi tal-UE+ irrappreżentaw aktar minn żewġ terzi tad-deċiżjonijiet kollha li nħarġu f'appelli jew rieżami: Il-Ġermanja (42 % tad-deċiżjonijiet totali fit-tieni istanza jew f'istanza oġġla), Franza (18 %) u l-Italja (10 %). Fl-2020, aktar minn tnejn minn kull ħamsa tad-deċiżjonijiet fit-tieni istanza jew f'istanza oġġla nħarġu lill-Afgani, l-Iraqin, il-Pakistani, is-Sirjani u n-Niġerjani, l-istess mudell li deher fl-2019.

Bidliet leġiżlattivi u fil-politika fit-tieni istanza fil-pajjiżi tal-UE+ kienu ċċentriati madwar ir-riorganizzazzjoni ta' korpi tat-tieni istanza biex itejbu l-ispeċjalizzazzjoni; is-sospensjoni ta' ritorn matul appell; u adattamenti temporanji ta' proċeduri bil-miktub u orali, kif ukoll il-limiti ta' żmien, minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19.



4.6 Kawżi pendenti

Minħabba li kien hemm aktar deċiżjonijiet maħruġa milli aplikazzjonijiet imressqa fl-2020, l-għadd ta' kawżi pendenti naqas fil-pajjiżi tal-UE+. Madwar 773,600 aplikazzjoni għall-ażil kienu qed jistennew deċiżjoni fi tmiem l-2020, li jirrappreżentaw tnaqqis ta' 18 % meta mqabbla mal-2019. Madankollu, il-kawżi pendenti kienu għadhom oġġla mil-livell ta' qabel il-kriżi fl-2014.



4.7 Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali

Fl-2020, ix-xejriet identifikati fis-snin ta' qabel komplew: xi pajjiżi bdew riformi sinifikanti fis-sistemi tal-akkoljenza tagħhom, inklużi r-riorganizzazzjoni istituzzjonali u l-aġġustamenti għall-kapaċità ta' akkoljenza. Iż-żieda fiċ-ċentralizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-fażi ta' akkoljenza inizjali kompliet, u aktar pajjiżi resqu lejn l-istabbiliment ta' ċentri ta' wasla, li jiġbru l-partijiet ikkonċernati kollha tal-proċess tal-ażil u l-akkoljenza f' post wieħed biex jiffaċilitaw il-passi inizjali tal-proċedura.

Il-fenomeni ta' benefiċjarji rikonoxxuti ta' protezzjoni internazzjonali jew dawk li qabel kienu applikanti li baqgħu fi strutturi ta' akkoljenza wara t-tmiem tal-proċedura tal-ażil ippersista f'diversi Stati Membri tal-UE. Fis-snin preċedenti, kien hemm enfasi fuq l-inklużjoni rapida tal-applikanti fit-taħriġ relatat mal-impjegi u l-valutazzjonijiet tal-ħiliet u l-iżvilupp. Filwaqt li dan deher li baqa' l-prinċipju gwida ewlieni għall-Istati Membri, servizzi mnaqqsa — inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ — minħabba l-pandemija tal-COVID-19 kellhom ir-riskju li dawn il-programmi jkunu inqas effettivi, minkejja l-isforzi mill-awtoritajiet nazzjonali.

Xi tħassib dwar il-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet ta' akkoljenza espress mill-UNHCR u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għal pajjiżi u sitwazzjonijiet speċifiċi, pereżempju fil-hotspots, deher li żdied matul is-sena. L-avvenimenti traġiċi fil-kamp ta' Moria f'Lesvos taw bidu għal kollaborazzjoni multilaterali mġedda biex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza.



4.8 Detenzjoni matul il-proċedura tal-ażil

Fl-2020, għadd ta' pajjiżi tal-UE+ emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom dwar id-detenzjoni fil-kuntest ta' wasliet tal-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-proċeduri ta' ritorn. Ġie nnutat sforz f'xi pajjiżi biex ibiddu l-politiki u jsibu alternattivi għad-detenzjoni, filwaqt li f'oħrajn dawn l-alternattivi baqgħu limitati. L-isfidi ewlenin komplew ikunu r-rikors għad-detenzjoni, il-kundizzjonijiet fid-detenzjoni u t-tqegħid ta' minuri f'detenzjoni, filwaqt li l-alternattivi baqgħu limitati. Matul is-sena, il-qrati fil-livell Ewropew u dak nazzjonali kienu attivi fl-analiżi tal-politiki u l-prattiki ta' detenzjoni, fl-interpretazzjoni tal-liġi fil-prattika u fl-istabbiliment ta' standards.



4.9 Aċċess għall-informazzjoni

Il-pajjiżi tal-UE+ saħħew u adattaw il-prattiki tagħhom biex jiżguraw li l-applikanti għall-ażil ikollhom aċċess effettiv għall-informazzjoni u l-ġustizzja proċedurali. L-isforzi ffukaw fuq l-użu ta' teknoloġiji ġodda; l-istabbiliment ta' mezzi alternattivi għat-tixrid tal-informazzjoni; u s-sensibilizzazzjoni permezz ta' għodod ta' komunikazzjoni elettronika, bħal pjattaformi u hubs online, applikazzjonijiet mobbli u kanali tal-midja soċjali. Ħafna pajjiżi żviluppaw hotlines dedikati u aġġornaw is-siti web eżistenti biex jiżguraw li l-informazzjoni tkun disponibbli f'ħafna lingwi. L-informazzjoni li saret disponibbli tinkludi aspetti tal-proċedura tal-ażil, il-ħajja ta' kuljum fil-pajjiż ospitanti, l-integrazzjoni, ir-ritorn u aġġornamenti dwar miżuri relatati mal-COVID-19.



4.10 Assistenza u rappreżentanza legali

Biex jittaffew il-miżuri restrittivi tal-COVID-19 u biex jitkompla l-aċċess għall-assistenza legali, ħafna pajjiżi organizzaw sessjonijiet ta' informazzjoni dwar l-għajnuna legali, jew individwalment, fi gruppi iżgħar jew billi ssostitwew l-interazzjoni wiċċ imb wiċċ ma' telefonati u telefonati bil-vidjo. Għadd ta' pajjiżi adottaw ukoll leġiżlazzjoni jew politiki ġodda dwar l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali, fejn uħud minnhom estendew għall-ewwel darba l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali fil-prim'istanza.

Il-proġetti eżistenti twessgħu u l-kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra ssaħħet, filwaqt li ġew introdotti miżuri biex tittejjeb il-kwalità tas-servizzi billi tiżdied ir-rata fis-siegħa għall-avukati u jissaħħu r-rekwiżiti tal-kwalifiki. Madankollu, matul l-2020, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qajmu tħassib dwar xkiel fl-aċċess jew in-nuqqas ta' biżżejjed aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali — parzjalment minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19 — fil-fruntiera, fiċ-ċentri ta' detenzjoni u fil-faċilitajiet ta' akkoljenza.



4.11 Servizzi ta' interpretazzjoni



L-enfasi fl-2020 kienet fuq iż-żieda fl-istandards ta' kwalità għall-interpretazzjoni, pereżempju billi jiħarrġu l-interpreti, jiżdied il-monitoraġġ u jissaħħu l-mekkaniżmi ta' valutazzjoni tal-kwalità. F'każijiet fejn ġew akkwistati servizzi ta' interpretazzjoni,

żiedu rekwiżiti ġodda mal-kuntratti biex tiġi żgurata interpretazzjoni ta' standards ogħla. Ġew innutati l-ħtieġa li jissaħħu s-servizzi ta' interpretazzjoni fil-fruntieri, kif ukoll nuqqas ta' interpreti għal ċerti lingwi f'xi pajjiżi tal-UE+.



4.12 Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini

Fl-2020, il-pajjiżi tal-UE+ komplew bl-isforzi tagħhom biex itejbu kemm il-firxa kif ukoll il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-pajjiżi ta' oriġini (COI). Fin-nuqqas ta' missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni, il-pajjiżi ffukaw fuq metodi oħra biex jiġbru l-informazzjoni, filwaqt li xi unitajiet tas-COI ħadu vantaġġ mill-konfinament biex iwettqu ħidma profonda, itejbu u jaġġornaw l-informazzjoni disponibbli, u jkopru firxa usa' ta' suġġetti.

Il-pajjiżi b'amministrazzjonijiet tal-ażil iżgħar ħadu passi lejn l-istabbiliment ta' unitajiet tas-COI jew lejn il-ħolqien ta' metodoloġija biex ċerti pajjiżi ta' oriġini jiġu assenjati lill-ħaddiema soċjali li jaġġornawhom regolarment. Ir-riċerka u r-rappurtar iffukaw fuq l-aġġornament tal-informazzjoni dwar il-pajjiżi li għalihom diġà kienet disponibbli s-COI, prinċipalment dwar il-pajjiżi ta' oriġini komuni tal-applikanti għall-ażil, bħall-Afganistan, l-Iran, l-Iraq u s-Sirja, iżda saru wkoll sforzi biex tinġabar informazzjoni dwar pajjiżi ta' oriġini inqas komuni li għalihom kien hemm COI limitat jew l-ebda COI, pereżempju l-Kolombja u s-Sri Lanka.



4.13 L-apolidija fil-kuntest tal-ażil

Persuni apolidi u benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali huma żewġ kategoriji distinti fid-dritt internazzjonali, iżda persuna tista' tkun kemm benefiċjarja ta' protezzjoni internazzjonali kif ukoll apolida. Fil-kuntest tal-ażil, l-apolidija tista' taffettwa l-proċess ta' determinazzjoni għal applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u s-salvagwardji proċedurali. Għadd ta' pajjiżi tal-UE+ ħadu passi lejn l-indirizzar tal-apolidija fl-2020, inkluż l-adeżjoni ma' strumenti legali internazzjonali rilevanti, l-istabbiliment ta' proċeduri ddedikati għad-determinazzjoni tal-apolidija, l-għoti ta' aċċess għaċ-ċittadinanza mit-twelid, l-iffaċilitar tal-aċċess għan-naturalizzazzjoni, l-aċċellerazzjoni tal-proċess ta' determinazzjoni tal-apolidija u l-aġġornament tal-gwida dwar l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet minn nies apolidi.

Madankollu, l-isfidi li jiffaċċjaw persuni apolidi fi stadji differenti tal-proċedura tal-ażil dehru li baqgħu jippersistu, inkluż nuqqas ta' għarfien dwar kwistjonijiet relatati mal-apolidija fil-proċedura tal-ażil, in-nuqqas ta' proċessi ta' determinazzjoni tal-apolidija f'xi pajjiżi tal-UE+ u r-riskju akbar ta' detenzjoni arbitrarja relatata mal-immigrazzjoni ta' persuni apolidi.



4.14 Kontenut tal-protezzjoni


Persuni li tinħarġilhom deċiżjoni pożittiva jingħataw forma ta' protezzjoni fil-pajjiżi tal-UE+ li tinvolvi sett ta' drittijiet u obbligi u aċċess għal għadd ta' servizzi. Deċiżjoni pożittiva hija deċiżjoni li tagħti status ta' refuġjat, protezzjoni sussidjarja (it-tnejn irregolati fid-dritt tal-UE) jew protezzjoni umanitarja (mogħtija skont il-liġi nazzjonali). Ir-rata ta' rikonoxximent tirreferi għall-għadd ta' deċiżjonijiet pożittivi bħala perċentwal tal-għadd totali ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

Fl-2020, ir-rata ta' rikonoxximent tal-UE+ għal deċiżjonijiet tal-prim'istanza dwar applikazzjonijiet għall-ażil kienet ta' 42 %: mill-534,500 deċiżjoni ma'ħruġa, 224,000 kienu pożittivi u l-applikant ingħata


forma ta' protezzjoni. Il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet pożittivi fil-prim' istanza taw l-istatus ta' refuġjat (113,000 jew nofs id-deċiżjonijiet pożittivi kollha). Il-protezzjoni sussidjarja ngħatat f' madwar 52,000 każ (23 % tad-deċiżjonijiet pożittivi kollha), filwaqt li l-istatus umanitarju ngħata f' 59,000 każ (27 % tad-deċiżjonijiet pożittivi kollha) (ara l-Figura 2).

Figura 2. Eżitu tad-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għall-ażil fil-prim' istanza u fit-tieni istanza jew f' istanza oġġla fil-pajjiżi tal-UE+, 2020

A. Deċiżjonijiet fil-prim' istanza



B. Deċiżjonijiet fit-tieni istanza jew f' istanza oġġla



Sors: Eurostat [[migr_asyappctzm](#)] sa mill-28 ta' April 2021.

Fit-tieni istanza jew f' istanza oġġla, il-237,000 deċiżjoni maħruġa fil-pajjiżi tal-UE+ kienu jinkludu 70,000 deċiżjoni pożittiva, li rriżultaw f' rata ta' rikonoxximent ta' 29 %. Id-deċiżjonijiet pożittivi fit-tieni istanza jew f' istanza l-aktar ingħataw status umanitarju (26,000), filwaqt li l-istatus ta' refuġjat u l-protezzjoni sussidjarja rrappreżentaw xi ftit inqas każijiet (22,000 kull wieħed).

Il-firxa u l-kwalità tad-drittijiet u s-servizzi li jirċievu l-benefiċjarji tal-protezzjoni jiffurmaw il-prospetti tal-integrazzjoni effettiva tagħhom fis-soċjetajiet il-ġodda. Fl-2020, xi pajjiżi introduċew miżuri biex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni ta' gruppi speċifiċi ta' barranin. Xi wħud bdew iwettqu bidliet biex jiffaċilitaw ir-riunifikazzjoni tal-familja għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u pprovdew kjarifiki dwar il-proċess permezz ta' gwida aktar dettaljata, filwaqt li l-qrati baqgħu attivi fit-tfassil ta' politiki u prattiki dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja. Fl-istess waqt, ix-xejriet mis-snin preċedenti komplew jindikaw użu akbar tar-rieżamijiet tal-istatus u użu aktar rigoruż tar-raġunijiet ta' waqfien u revoka.

L-abbozzar u t-tnedija tal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-UE dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni pprovdew aktar gwida għal strateġiji ta' integrazzjoni fil-livell nazzjonali. Il-pajjiżi tal-UE+ komplew bl-isforzi tagħhom biex jappoġġaw lill-benefiċjarji permezz tat-tagħlim tal-lingwi, l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-oportunitajiet ta' impjieg, u l-orjentazzjoni soċjokulturali, filwaqt li kien hemm bidla reċenti lejn il-personalizzazzjoni tal-pjanijiet ta' integrazzjoni mfassla apposta skont il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji individwali. L-isforzi intensifikaw f' dawn l-aħħar snin biex jiġu evalwati l-pjanijiet ta' integrazzjoni permezz ta' riċerka interdixiplinari sabiex jiġi vvalutat l-effett tal-politiki eżistenti u jiġu offruti rakkomandazzjonijiet għall-futur. Aspett ta' tħassib fl-2020 kien it-tfixkil ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 fl-aċċess effettiv għall-edukazzjoni għat-tfal refuġjati, u għadd ta' partijiet ikkonċernati talbu rimedji rapidi biex jiġu evitati konsegwenzi fit-tul.

Tħassib li għadu għaddej huwa s-sitwazzjoni ta' persuni li ngħataw protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru wieħed iżda mbagħad marru fi Stat ieħor u applikaw għall-ażil mill-ġdid. L-okkorrenzi huma ta' importanza dejjem akbar għal xi Stati Membri u ġew enfasizzati fid-dibattiti politiċi tal-proposti ta' riforma tal-2016 u l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.



4.15 Ritorn ta' dawk li qabel kienu applikanti

Filwaqt li r-rata ta' ritorni implimentati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi baqgħet relattivament baxxa f'ħafna pajjiżi tal-UE+, fl-2020 ġew adottati għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u ta' politika ġodda biex jitjeb l-infurzar tar-ritorni u l-kosteffettività tal-proċess ta' ritorn. Xi pajjiżi introduċew regoli aktar stretti dwar l-obbligu ta' kooperazzjoni, dwar l-identifikazzjoni ta' persuni li għandhom jiġu rritornati u dwar l-iskedi ta' żmien għat-tħabbir tat-tluq.

Il-pajjiżi ppromwovew ukoll ir-ritorni u l-assistenza volontarji u ħadmu f'kooperazzjoni akbar mal-Frontex. Ħafna żviluppi kienu jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-ritorni b'kunsiderazzjoni dovuta għall-prinċipju ta' *non-refoulement* u l-aspetti umanitarji, inkluż ir-ritorn dinjituż ta' minorenni mhux akkumpanjati.



4.16 Risistemazzjoni u ammissjonijiet umanitarji


Ir-risistemazzjoni u l-ammissjonijiet umanitarji jaqdu rwol ewlieni fl-offerta ta' mezzi legali u sikuri għall-protezzjoni tal-persuni fil-bżonn. Sa mill-introduzzjoni tal-ewwel Skema Ewropea ta' Risistemazzjoni f'Lulju 2015, il-proċess baqa' fuq quddiem fl-aġenda politika. Minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19, l-għadd ta' refuġjati risistemati b' mod effettiv fil-pajjiżi tal-UE+ matul l-2020 naqas b' mod inevitabbli.

F'konformità mal-gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UE fil-qasam tal-ażil, il-proċedura ta' ritorn u r-risistemazzjoni, il-pajjiżi tal-UE+ adattaw il-modalitajiet tagħhom biex jiżguraw fejn possibbli l-kontinwità tal-proċessi ta' risistemazzjoni, pereżempju billi jipproċessaw każijiet urġenti fuq bażi ta' dossier u jwettqu intervisti mill-bogħod. Sa tmiem l-2020, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ma kinux issodisfaw il-kwoti nazzjonali tagħhom u kellhom jitolbu trasferiment għas-sena ta' wara, filwaqt li esprimew l-impenn tagħhom li joffru mezzi sikuri għall-protezzjoni.



Enfasi fuq l-applikanti għall-ażil b'vulnerabbiltajiet

Fl-2020 tressqu **14,200** applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali minn **minorenni mhux akkumpanjati** fil-pajjiżi tal-UE+



li jirrappreżentaw **3 %** tat-total ta' **485,000** applikazzjoni għall-ażil fl-2020

Kważi **9** minn kull **10** minorenni mhux akkumpanjati li applikaw għal protezzjoni internazzjonali kienu subien



Huma meħtieġa aktar sforzi biex **in-nisa u l-bniet** jiġu protetti fil-proċedura tal-ażil mill-vjolenza, it-traffikar tal-bnedmin u l-MĠF

41 % tal-minorenni mhux akkumpanjati joriġinaw mill-**Afganistan**



Huma meħtieġa salvagwardji biex it-tfal fil-proċedura tal-ażil jiġu protetti milli jaqgħu f'idejn it-**traffikanti tal-bnedmin**



Il-persuni LGBTI huma soġġetti għal abbużi tad-drittijiet tal-bniedem f'ħafna partijiet tad-dinja. U jstgħu jibzġu jtkellmu apertament matul il-proċedura tal-ażil



Sors: EASO



5. Tfal u applikanti bi ħtiġijiet speċjali

L-*acquis* dwar l-ażil tal-UE jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-identifikazzjoni u l-għoti ta' appoġġ lill-applikanti li jkunu jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali. Fost l-applikanti vulnerabbli, wieħed mill-gruppi ewlenin huwa dak tal-minorenni mhux akkumpanjati li jfittxu protezzjoni mingħajr il-kura ta' adult responsabbli. Il-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jinkludi diversi dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li jiġu kkunsidrati l-aħjar interessi tat-tfal, pereżempju billi tissaħħaħ ir-riunifikazzjoni tal-familja u jitrawwem mekkaniżmu ta' solidarjetà aktar b'saħħtu għar-rilokazzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati u applikanti b'vulnerabbiltajiet.

Fl-2020 tressqu 14,200 applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali minn minorenni mhux akkumpanjati fil-pajjiżi tal-UE+, li jirrappreżentaw 3 % tat-total ta' 485,000 applikazzjoni. Meta mqabbel mal-2019, l-għadd assolut ta' minorenni mhux akkumpanjati baqa' relattivament stabbli (-3 %). Madankollu, minħabba t-tnaqqis ġenerali qawwi fl-applikazzjonijiet għall-ażil, dan irriżultat f'żieda fil-proporzjon ta' minorenni mhux akkumpanjati minn 2019 b'punt perċentwali wieħed.

Proporzjon kbir ta' minorenni mhux akkumpanjati oriġina mill-Afganistan, li rrappreżenta 41 % tal-applikazzjonijiet minn minorenni fil-pajjiżi tal-UE+ fl-2020 (żieda ta' 11-il punt perċentwali mill-2019), segwit mis-Sirja, b'16 % (żieda ta' 6 punti perċentwali). Bħal fis-snin preċedenti, il-maġġoranza assoluta tal-minorenni mhux akkumpanjati li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali fil-pajjiżi tal-UE+ kienu rġiel (kważi 9 minn kull 10). Il-biċċa l-kbira tal-applikanti minorenni mhux akkumpanjati kienu fil-kategorija ta' età akbar, fejn madwar żewġ terzi kellhom bejn 16 u 17-il sena, u madwar wieħed biss minn kull għaxra kellu inqas minn 14-il sena.

Filwaqt li enfasizzaw l-importanza tal-identifikazzjoni bikrija u r-riferiment, għadd ta' pajjiżi tal-UE+ aġġornaw il-leġislazzjoni, il-politiki u l-gwida tagħhom fl-2020, kif ukoll implementaw miżuri ta' monitoraġġ ta' kwalità jew żviluppaw valutazzjonijiet ġodda tal-vulnerabbiltà għal applikanti bi ħtiġijiet proċedurali speċjali. Saru wkoll bidliet leġiżlattivi biex titħaffef il-ħatra ta' kustodju legali għal minorenni mhux akkumpanjati, iżda minkejja dawn l-isforzi, spiss ġie rrapportat dewmien fil-ħatra ta' kustodji. B'mod ġenerali, il-limitazzjonijiet fl-identifikazzjoni effettiva u rapida tal-applikanti vulnerabbli, inklużi l-minorenni, baqgħu ta' sfida fl-2020, u dan żied ir-riskju ta' detenzjoni jew tqegħid għewwa faċilitajiet ta' akkoljenza li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tagħhom kif xieraq.

Fil-qasam tal-akkoljenza, saru sforzi konsiderevoli mill-awtoritajiet fil-pajjiżi tal-UE+ biex jinħolqu faċilitajiet speċjalizzati biex jiggwarantixxu lill-applikanti vulnerabbli post sikur fejn jistgħu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċjali tagħhom. Madankollu, spiss ġie rrapportat li l-ħolqien ta' ambjent fiżikament u psikoloġikament sikur b'aċċess għal servizzi ta' appoġġ, inkluż l-aċċess għall-edukazzjoni għall-minorenni, mhux dejjem kien possibbli.

Komplet il-ħtieġa għal aktar sforzi biex in-nisa u l-bniet fil-proċedura tal-ażil jiġu protetti mir-riskji, bħall-vjolenza domestika jew il-mutilazzjoni/qtuġħ ġenitali femminili (MĠF). Ittieħdu inizjattivi ġodda mill-pajjiżi tal-UE+ biex jinħolqu faċilitajiet sikuri għal dan il-profil tal-applikanti, u l-qrati involvew ruħhom biex jiproteġu n-nisa u l-bniet li kienu f'riskju ta' vjolenza jekk jintbagħtu lura fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

Tħassib komuni huwa relatat maż-żieda allarmanti fit-traffikar tal-minorenni, speċjalment il-migranti mingħajr dokumenti — hawnhekk it-tfal jammontaw għal kważi kwart tal-vittmi kollha. Ir-riskju huwa imminenti għan-nisa u t-tfal migranti, mhux biss huma u għaddejnin minn rotot tal-ivvjaġġar perikolużi iżda wkoll ladarba jaslu fl-Ewropa. It-tfal jistgħu jgħibu miċ-ċentri ta' akkoljenza u jisfaw vittmi tat-traffikanti tal-bnedmin.

Persuni leżbjani, oomosesswali, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI) huma soġġetti għal abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u jiffaċċjaw theddid f'ħafna partijiet tad-dinja. Huwa meħtieġ approċċ sensitiv għal dan il-profil tal-applikanti peress li jistgħu jibzġu jtkellmu dwar l-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi sesswali (SOGIESC) tagħhom matul il-proċedura tal-ażil. L-iżviluppi fl-2020 iffukaw fuq l-għoti ta' informazzjoni u d-definizzjoni ta' pajjiż sikur għall-applikanti bi ħtiġijiet speċjali relatati mal-ġeneru.



Sistemi tal-ażil u l-akkoljenza fl-Ewropa: It-triq 'il quddiem

Minkejja t-tnaqqis fil-mobbiltà fl-2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-evidenza tindika li l-flussi migratorji ppersistew



Jeħtieġ ktar investiment għat-tranżizzjoni minn reazzjonijiet reattivi għal soluzzjonijiet fit-tul



Id-diġitalizzazzjoni għandha l-potenzjal li ttejjeb l-effiċjenza u l-aċċessibbiltà fil-proċedura tal-ażil



Il-gwida u l-kontribuzzjonijiet tal-EASO huma meħtieġa dejjem aktar biex tiġi żviluppata sistema Ewropea kkoordinata



L-UE u l-qrati nazzjonali jaqdu rwol ewlieni fl-interpretazzjoni tal-*acquis* tal-UE dwar l-ażil u biex jiggwidaw l-applikazzjoni Prattika tiegħu



Il-programmi ta' risistemazzjoni u l-mezzi komplementari huma kruċjali biex jipprovdu aċċess prevedibbli, sikur u legali għas-sikurezza hekk kif il-flussi migratorji qed jikbru



Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jipproponi qafas komprensiv biex jipprovdi soluzzjonijiet ta' protezzjoni b' mod sikur u prevedibbli, li jakkomoda ħtiġijiet differenti

Oqfsa sostenibbli jeħtieġu kundizzjonijiet imtejba ta' akkoljenza, l-għoti f' waqtu tal-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, sforzi ta' integrazzjoni u proċessi dinjitużi għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jeħtiġux protezzjoni



Id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-valuri tal-UE għandhom iservu ta' boxxla biex imexxu t-triq 'il quddiem



Sors: EASO

Osservazzjonijiet finali: It-triq 'il quddiem



Din hija l-10 edizzjoni tar-Rapport dwar l-Ażil li fiha l-EASO kien u għadu jiddokumenta u janalizza l-progress kostanti li għamlu l-pajjiżi tal-UE+ fl-istandardizzazzjoni u l-immodernizzar tas-sistemi tal-ażil u l-akkoljenza tagħhom. Bl-użu ta' taħlita ta' soluzzjonijiet temporanji u rapidi u politiki li jħarsu 'l quddiem, il-pajjiżi tal-UE+ kienu u għadhom qed jiġġestixxu flussi migratorji kumplessi, filwaqt li jindirizzaw l-isfidi ta' matul it-triq. Tabilħaqq, l-emerġenza tas-saħħa globali matul il-pandemija tal-COVID-19 ittestjat is-sistemi attwali tal-ażil u tal-akkoljenza u l-iżviluppi ppreżentati f'dan ir-rapport urew ir-reżiljenza u l-flessibbiltà tagħhom biex jiżguraw il-kontinwità tan-negozju fil-konfront ta' dak li ma kienx mistenni. Huwa ċar ukoll li l-ħtieġa għall-protezzjoni internazzjonali għadha prominenti, u dan jirrikjedi soluzzjonijiet li jrawmu s-sostenibbiltà fit-tul.

Il-kapitalizzazzjoni fuq il-progress li sar s'issa teħtieġ aktar investiment fit-tranżizzjoni minn arranġamenti provviżorji għal qafas leġiżlattiv u ta' politika komprensiv, miftiehem b'mod komuni. Għal dan il-għan, kollaborazzjoni kontinwa u msaħħa fost diversi partijiet interessati hija ta' importanza kbira biex jiġu inkorporati l-għarfien espert u l-vantaġġi komparattivi li kull wieħed jista' jgħib biex jiġu żviluppanti soluzzjonijiet komuni. Matul dan il-proċess ta' konsolidazzjoni, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-valuri tal-UE għandhom iservu ta' boxxla biex imexxu t-triq 'il quddiem.



Minkejja t-tnaqqis fil-mobbiltà fl-2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-evidenza tindika li l-flussi migratorji ppersistew

Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt profund u kumpless kemm fuq il-funzjonament tas-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza fil-pajjiżi tal-UE+ kif ukoll fuq l-għadd ta' persuni li jaslu fl-Ewropa biex ifittxu protezzjoni internazzjonali. L-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil li tressqu fil-pajjiżi tal-UE+ fl-2020 naqas b'mod drammatiku b'terz meta mqabbel mal-2019, peress li r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-lockdowns impedixxew il-vjaġġ għal ħafna. Iżda jekk niffukaw fuq l-għadd ta' applikazzjonijiet li tressqu f'Jannar u Frar 2020 qabel l-introduzzjoni tal-miżuri relatati mal-COVID-19, ġew irrappurtati żidiet ta' aktar minn 10 % meta mqabbla mal-istess xhur fl-2019, li jindika xejra li qed tiżdied fil-wasliet, li kieku l-pandemija ma seħħitx.

Hekk kif epiċentri tal-kunflitt, il-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, l-instabbiltà politika u t-tbatija ekonomika jkomplu jikkawżaw spostamenti kbar madwar id-dinja, il-flussi migratorji lejn l-Ewropa jidhru li x'aktarx se jkomplu b'pass kostanti jew inkella jiżdied. Filwaqt li fl-2020 il-pandemija dehret li kienet fattur li jxekkel il-mobbiltà, din ix-xejra x'aktarx li tinbidel fil-futur. Jekk inqisu l-kapaċità ta' pajjiżi differenti biex jindirizzaw u jgħidbu l-effetti ekonomiċi u soċjali tal-pandemija, l-irkupru wara l-COVID-19 jista' ma jkunx uniformi, ikollu effett amplifikanti fuq il-kawżi ta' spustament li kienu jeżistu qabel u jaggrava l-iżbilanċi bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk aktar żviluppanti. Dan jista' wkoll jikkatalizza l-mobbiltà minn tal-ewwel lejn tal-aħħar. F'dan il-kuntest, kwistjonijiet fundamentali rigward il-fruntieri esterni tal-UE se jibqgħu parti importanti tad-dibattitu pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess effettiv għat-territorju u l-proċedura tal-ażil, li jenfasizza aktar il-ħtieġa għal tranżizzjoni lejn qafas ġdid u aċċettat b'mod komuni għall-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, l-iżbark, ir-rilokazzjoni u l-kondiviżjoni ġenerali ekwa tar-responsabbiltà.

Ir-rwol tal-programmi ta' risistemazzjoni fl-għoti ta' aċċess prevedibbli, sikur u legali għas-sikurezza se jkun kruċjali fid-dawl tal-flussi migratorji li qed jikkawżaw. Il-pandemija tal-COVID-19 kellha effett ta' tfixkil fuq il-proċessi ta' risistemazzjoni fl-2020, li enfazzat aktar l-importanza li n-nies jiġu protetti minn vjaġġi twal u perikolużi biex jilħqu post sikur. Iż-żieda fl-enfasi fuq ir-risistemazzjoni u l-mezzi komplementari fil-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil hija indikazzjoni qawwija tal-impenn li jiġu pprovduti soluzzjonijiet ta' protezzjoni b'mod sikur u prevedibbli.



Il-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil għandu l-għan li jakkomoda ħtiġijiet diversi

Il-Patt tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ġie propost f' Settembru 2020 bħala bidu ġdid għat-tisħiħ tas-solidarjetà, l-indirizzar tal-isfidi tal-migrazzjoni b' mod armonizzat u l-bini tal-fiducia fis-sistema tal-ażil tal-UE permezz ta' proċeduri aktar rapidi u effettivi. Il-konsultazzjoni ta' 12-il xahar ma' diversi partijiet ikkonċernati statali u dawk mhux statali qabel il-finalizzazzjoni tal-patt il-ġdid propost kienet pass pożittiv fil-konsiderazzjoni ta' perspettivi differenti fil-bini ta' arkitettura inklużiva u komprensiva għall-migrazzjoni u l-ażil għall-Ewropa. In-negozjati dwar il-proposti leġiżlattivi inklużi fil-patt il-ġdid se jikkupa post ċentrali fl-iżviluppi li ġejjin fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-progress sinifikanti li diġà sar, għad iridu jiġu indirizzati għadd ta' punti ta' diverġenza. Ir-rieda politika, it-tfassil ta' politika ispirat u l-flessibbiltà huma meħtieġa biex tavvanza 'l quddiem. Filwaqt li għadhom mhumiex fis-seħħ bħala atti leġiżlattivi, id-direzzjonijiet ipprovduti fil-patt il-ġdid jistgħu diġà jinfluwenzaw bidliet fil-politika f' xi pajjiżi biex jallinjaw il-prattiki tagħhom ma' dak li huwa propost u jrawmu kooperazzjoni Prattika fost il-pajjiżi dwar kwistjonijiet ta' interess urġenti, xejra li ġiet osservata wkoll wara l-proposti ta' riforma tas-SEKA tal-2016.



B'għajnejna fuq sistemi sostenibbli: Naqilbu minn reazzjonijiet reattivi għal soluzzjonijiet fit-tul

Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenzi tal-passat, il-pajjiżi tal-UE+ komplew jadattaw il-leġiżlazzjonijiet, il-politiki, il-prattiki u l-arranġamenti organizzattivi ġenerali tagħhom sabiex jiġġestixxu aħjar l-influssi tal-applikanti għall-ażil, jottimizzaw il-flussi tax-xogħol, iżidu l-effiċjenza u l-effettività, u jipprovdu proċess dinjituż ta' protezzjoni. Xejra komuni f' ħafna pajjiżi tal-UE+ kienet iż-żieda fiċ-ċentralizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-fażi inizjali tal-ażil u l-akkoljenza billi ġew stabbiliti ċentri tal-wasla fejn il-partijiet ikkonċernati kollha tal-proċess tal-ażil jinsabu f' post wieħed. L-għan huwa li tinġabar kemm jista' jkun informazzjoni fi stadju bikri tal-proċedura biex jittejjeb it-teħid ta' deċiżjonijiet effiċjenti — approċċ li jidher li huwa ċentrali fil-patt il-ġdid ukoll. Il-kapaċità li malajr jiġi ddeterminat min jeħtieġ protezzjoni u min le se jżid l-integrità tas-sistemi tal-ażil. Dwar dan, se jippersistu d-diskussjonijiet li għaddejjin dwar mekkaniżmi li jiggwarantixxu l-konformità mad-drittijiet fundamentali u, b' mod importanti, mal-prinċipju ta' *non-refoulement*.

Saru wkoll modifiki fis-sistemi tal-akkoljenza, b' mod partikolari biex jiġu pprovduti servizzi adattati lill-applikanti bi ħtiġijiet speċjali. Minkejja dawn l-isforzi, dan il-qasam ma kienx nieqes minn sfidi: il-faċilitajiet ta' akkoljenza xi drabi kienu ffullati żżejjed, il-kundizzjonijiet ma kinux mill-aqwa u l-aċċess għas-servizzi, bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, dam jew ma kienx biżżejjed. Pereżempju, id-*data* disponibbli tindika li fl-2020 madwar 30 % tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa kienu tfal, ħafna minnhom fl-età tal-iskola. Dawn it-tfal ta' spiss ma jkollhomx aċċess konsistenti u effettiv għall-edukazzjoni. Anke għal dawk it-tfal li jstgħu jiġu ritornati wara deċiżjoni negattiva, l-offerta ta' edukazzjoni fl-istadju ta' akkoljenza hija valur fiha nnifisha, li tiffaċilita t-tkabbir tagħhom fil-livelli konjittivi u soċjali. Għal dawk li jibqgħu, nuqqas ta' aċċess effettiv għall-edukazzjoni jista' jkollu effetti detrimentali kemm fuq l-iżvilupp personali tagħhom kif ukoll fuq il-prospetti ta' integrazzjoni tagħhom fit-tul. Enfasi immedjat fuq l-integrazzjoni ta' benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali tirriżulta f' diversi benefiċċji għas-sostenibbiltà fit-tul: jekk jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu fis-soċjetà ospitanti, dan jikkatalizza mhux biss il-kontribut pożittiv tagħhom bħala membri organiċi tas-soċjetajiet il-ġodda iżda jsaħħaħ ukoll il-koeżjoni soċjali ġenerali.

Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-funzjoni ta' soluzzjonijiet temporanji biex jiġu koperti l-ħtiġijiet immedjati, it-tranżizzjoni lejn oqfsa sostenibbli u fit-tul se teħtieġ titjib biex jiġu pprovduti kondizzjonijiet ta' akkoljenza ta' kwalità, l-għoti f'waqtu tal-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, enfasi fuq l-integrazzjoni tal-benefiċjarji u proċessi dinjitużi għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jeħtiġux protezzjoni. F'dan il-proċess tranżitorju, il-kunċetti tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-prinċipji tal-UE jistgħu jipprovdu l-gwida meħtieġa u jinformat l-iżvilupp u l-funzjonament ta' soluzzjonijiet bħal dawn fit-tul.



Effiċjenza ġusta u ġustizzja effiċjenti: Il-qrati qed jeżaminaw prattiki ġodda f'konformità mal-*acquis* tal-UE dwar l-ażil

L-istituzzjonijiet ġudizzjarji fil-livelli tal-UE u nazzjonali komplew jafferimaw ir-rwol tagħhom fl-interpretazzjoni tal-*acquis* tal-UE dwar l-ażil u jiggwidaw l-applikazzjoni prattika tiegħu. Dan ir-rwol ġie enfasizzat fl-2020 meta l-qrati ntalbu jivvalutaw prattiki u miżuri ġodda li kienu ġew introdotti mill-awtoritajiet nazzjonali f'realtà ġdida xprunata minn sfidi bla preċedent meta kienu meħtieġa reazzjonijiet rapidi u effiċjenti. Il-qrati nazzjonali involvew ruħhom biex jivvalutaw l-impatt tal-miżuri ta' sikurezza tal-COVID-19 fuq id-drittijiet tal-applikanti għall-ażil u l-komplessitajiet tat-trasferimenti ta' Dublin u l-limiti ta' żmien relatati. Barra minn hekk, il-QĠUE, bħala l-awtorità ġudizzjarja tal-UE, tat għadd ta' sentenzi importanti, speċjalment relatati ma' aċċess effettiv għall-proċedura tal-ażil.

Huwa ċar li l-awtoritajiet ġudizzjarji se jkomplu jaqdu rwol importanti fl-iżgurar tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni korretti tal-*acquis* Ewropew dwar l-ażil, aktar u aktar filwaqt li l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għad iridu jiġu trasferiti għal qafas leġislattiv u ta' politika miftiehem u minħabba l-għadd konsiderevoli ta' każijiet li għadhom pendenti fit-tieni istanza.



Id-diġitalizzazzjoni bħala katalist għall-effiċjenza u l-aċċessibilità

Il-pajjiżi tal-UE+ ħadu passi importanti lejn l-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi biex tiżdied l-awtomatizzazzjoni fil-proċeduri tal-ażil. Il-pandemija tal-COVID-19 tat spinta mill-ġdid lill-pajjiżi tal-UE+ biex isaħħu d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi peress li kienu jeħtieġu jadattaw il-modalitajiet ta' ħidma tagħhom biex itaffu r-riskji tal-emerġenza tas-saħħa. Ħafna minn dawn is-soluzzjonijiet x'aktarx li se jibqgħu fuq bażi aktar permanenti biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza, filwaqt li oħrajn jistgħu jiffurmaw parti mis-sett ta' għodod tal-pajjiżi tal-UE+ biex jerġgħu jiġu impjegati quddiem sfidi simili fil-futur. Hekk kif il-ħidma lejn id-diġitalizzazzjoni miexja 'l quddiem, jeħtieġ li tingħata attenzjoni lill-kwistjonijiet tal-privatezza tad-*data*, filwaqt li jiġi żgurat aċċess ekwu għas-servizzi diġitali u tiżdied il-fiduċja dwar soluzzjonijiet tekniċi ġodda fost l-applikanti u l-benefiċjarji tal-protezzjoni biex jithegġegħ l-użu tagħhom.



Rispons Ewropew ikkoordinat mal-EASO bħala parti integrali

In-natura kumplessa tal-ażil, li hija wkoll marbuta mill-qrib mar-riunifikazzjoni tal-familja u r-ritorni, teħtieġ soluzzjonijiet komprensivi. Fis-snin li ġejjin, l-azzjoni koordinata u l-integrazzjoni tal-għarfien espert minn partijiet ikkonċernati differenti se jkunu kruċjali fl-iżvilupp ta' approċċ ibbilanċjat, fejn il-mistoqsija ewlenija se tkun kif il-partijiet ikkonċernati kollha se jikkontribwixxu — u mhux jekk humiex se jikkontribwixxu jew le. L-istandardizzazzjoni u l-implimentazzjoni prattika ta' sistema funzjonali Ewropea tal-ażil se jeħtieġu rieda politika mifruxa u viżjoni komuni; reazzjonijiet armonizzati u ġusti għall-pressjonijiet migratorji fuq pajjiżi speċifiċi, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-persuni li jkunu qed ifittxu l-protezzjoni; kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi tal-orġini u tat-tranżitu; u sforzi kontinwi biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari.

Fl-10 sena minn mindu twaqqaf, l-EASO ħadem b' mod attiv mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Istati Membri, mal-aġenziji Ewropej, mas-soċjetà ċivili u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali biex jappoġġa l-implimentazzjoni tas-SEKA b' mod olistiku: billi jipprovdi assistenza operazzjonali lill-Istati Membri li jkunu qed jesperjenzaw pressjoni għolja; joffri taħriġ u għodod prattiċi ta' kwalità għolja lill-professjonisti tal-ażil; jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-dimensjoni esterna tas-SEKA; u jipproduċi eżitu analitiku affidabbli biex it-teħid tad-deċiżjonijiet isir b' mod infurmat. Matul dawn is-snin, l-EASO ġabar esperjenza estensiva u unika, żviluppa metodoloġiji ta' ħidma innovattivi, ħoloq sħubijiet b' saħħithom u serva bħala parti mis-soluzzjoni fl-avvanz ta' politiki u prattiki orjentati lejn il-protezzjoni.

F'xenarju migratorju globali li qed jinbidel kontinwament, il-gwida u l-kontribuzzjonijiet tal-EASO huma dejjem aktar meħtieġa. Bħala ċ-ċentru ta' għarfien espert dwar l-ażil, il-programm ta' ħidma tal-EASO huwa mistenni li jikber, b' mod partikolari fid-dawl tat-tranżizzjoni lejn Aġenzija tal-UE għall-Ażil.



ISBN 978-92-9465-059-7